MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2014

Appell Kriminali Numru. 519/2013

Appell Nru: 519/2013

Il-Pulizja

(Maggur Josephine Gauci)

Vs

Franco Muscat

Illum , 29 ta' Ottubru, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Franco Muscat, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 451876M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

B' diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk if zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghax-xhur minn Jannar, 2013 sa Mejju, 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jghati lil martu Raina Iris Muscat u/jew lil uliedu is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Novembru, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; sabet lill-imputat Franco Muscat skond l-akkuzi dedotta kontra tieghu u ghaldaqstant ikkundannatu xahar prigunerija. Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellant minnhu pprezentat fit-28 ta' Novembru, 2013 , li permezz tieghu talab lil din il-Qorti:

1. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u;
2. Tillibera lill-appellant mill-akkuzi kif dedotta kontrih u konsegwentement minn kull htija u piena;
3. Alternattivament, tirriforma l-imsemmija sentenza fil-konfront tal-appellant billi tvarja l-piena moghitja ghal wahda ekwa u aktar gusta, hekk kif jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma is-segwenti u cioe':-

A. Fl-ewwel lok, l-appellant instab hati ta' akkuza meta din kienet preskritta bil-perjodu preskrittiv applikabbli ta' sitt xhur, skond l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-procediment quddiem il-Qorti fil-prima stanza, il-parte civile kienet ghamlet talba sabiex isir tibdil fic-citazzjoni, u ghalhekk kienet giet irtirata ic-citazzjoni li kienet notifikata lill-esponent appellant, saret citazzjoni bl-emendi kif mitluba. Din ic-citazzjoni emendata qatt ma giet notifikata lill-esponent appellant. Minkejja li jidher mill-atti li l-esponent appellant kien qieghed jinghata kopja tac-citazzjoni emendata seduta stante, din qatt ma nghatat lilu, u kull ma riceva sussegwentement kien l-avviz tas-smiegh tal-kawza. Dan xehdu bil-gurament tieghu l-esponent appellant quddiem il-Qorti fil-prima stanza fis-seduta tat-18 ta' Novembru, 2013, f' liema udjenza inghatat sentenza. In vista tal-fatt li l-appellant gie akkuzat talli ma hallasx manteniment ghax-xhur ta' Jannar, 2013 sa Mejju, 2013, u gie notifikat bic-citazzjoni skond il-ligi fit- 18 ta' Novembru, 2013, il-perjodu preskrittiv ta' sitt xhur applikabbli skond l-artikolu 338(z), kien lahaq iddekorra favur l-appellant. Nonostante li dan il-punt tqajjem quddiem il-Qorti fil-prim' istanza, l-esponent appellant xorta wahda nstab hati tal-akkuza.
B. Fit-tieni lok, l-esponent appellant instab hati talli naqas li jhallas il-manteniment ghax-xhur minn Jannar, 2013 sa Mejju, 2013, meta hu fil-fatt kien hallas il-manteniment minnhu dovut ghax-xahar ta' Jannar, 2013. Il-Qorti fil-prim' istanza naqset milli tikkunsidra dan il-hlas, kemm fis-sejbien ta' htija u kemm fl-ghoti tal-piena. L-esponent appellant jissottometti umilment li

galadarba l-akkuza, kif dedotta fic-citazzjoni, tinkludi x-xahar ta' Jannar, 2013, meta hu kien hallas il-manteniment minnu dovut ghall-imsemmi xahar, l-esponent appellant ma setax jinstab hati tal-akkuza kif dedotta kontrih.

C. Illi l-appellant jissottometti umilment li l-Qorti tal-Magistrati, ma tat l-ebda konsiderazzjoni ghal fatt li fil-perjodu relevanti l-esponent appellant kien f'sitwazzjoni finanzjarja tant difficli li kien impossibli ghalih li jaqdi l-obbligu tieghu li jhallas il-manteniment u fl-istess waqt isostni lilu nnifsu, u fil-fatt kien hemm proceduri pendenti quddiem il-Qorti civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex l-esponent appellant jigi mehlus mill-obblgu li jghati manteniment jew alternattivament tigi mnaqqsa s-somma minnu dovuta, u dan b'mod retroattiv b'effett mill-hdax (11) ta' Mejju, 2012.

L-appellant huwa tal-umli fehma li l-Qorti fl-ewwel istanza ma messiex skartat kompletament il-fatt li kien hemm kwistjoni civili pendenti li tirrigwarda propju l-manteniment dovut mill-appellant fl-istess perjodu li ghalih kien akkuzat li naqas milli jhallas il-manteniment ghal bintu.

L-esponent appellant genwinament sab ruhu f'posizzjoni li ma setax jaqdi l-obbligu tieghu li jhallas il-manteniment, anke jekk il-pagamenti mensili minnu dovut ma kienx f'ammont kbir, u dan minhabba li safa minghajr impjieg u fl-istess waqt kellu dejn sostanzjali ma diversi kredituri. F'dawn ic-cirkostanzi, l-esponen appellant seta' biss jirrikorri quddiem il-Qorti kompetenti sabiex jinghata r-rimedju skond il-ligi, u fil-fatt huwa propju dan li ghamel l-esponent appellant. Il-fatt li l-esponent appellant beda proceduri fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) juri li hu ma naqasx milli jivversa l-manteniment minnu dovut b'kapricc, izda ghax verament kien f'sitwazzjoni li ma ppermettietx li jaqdi l-obbligu tieghu.

Li kieku l-esponent appellant naqas milli jhallas il-manteniment ghar-raguni li sab ruhu f'posizzjoni li kien impossibli ghalih li jaqdi dan l-obbligu, izda dan imbghad lanqas ma utilizza l-uniku rimedju li toffrilu l-ligi f'din ic-cirkostanza, u cioe li jirrikorri quddiem il-Qorti kompetenti b'talba ghal helsien mill-obbligu tal-manteniment jew alternattivament ghat-tnaqqis tal-manteniment, l-Qorti tal-Magistrati kienet tkun gustifikata li ma taghti l-ebda

piz l-allegazzjoni tal-imputat li sab ruhu f'dik il-posizzjoni. Izda f'dawk ic-crikostanzi, talab lill-Qorti Civili tiehu konjizzjoni tas-sitwazzjoni tieghu u tehilsu mill-obbligu tieghu jew tirrevedi l-ammont minnu dovut bhala manteniment.

Ghalhekk l-appellant jissottometti umilment, li fid-dawl tal-fatt li hu kien f' certu posizzjoni finanzjarja minhabba liema ma seta bl-ebda mod jaqdi l-obbligu tieghu li jhallas il-manteniment, u fil-fatt talab il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tehilsu minn dan l-obbligu jew tirrevedi l-manteniment minnu dovut, li kien ir-rimedju spettanti lilu skond il-ligi, il-Qorti tal-Magistrati kellha tiehu konjizzjoni ta' dan il-fatt u tillibera lill-appellant mill-akkuza. Altrimenti jfissew li meta persuna li tkun obbligata b'sentenza jew b'kuntratt li thallas manteniment, issib ruha genwinament u intortament f'posizzjoni li ma tistax thallas dak il-manteniment, ikollha, anki jekk tipprova tinqeda bl-uniku rimedju li l-ligi tipprovdi lilha f'dawn ic-crikostanzi, tinsab hatja ta' reat u konsegwentement tiskonta l-piena karcerarja applikabbli.

D. Illi, minghajr pregudizzju ghal premess, il-piena li applikat il-Qorti tal-Magistrati, u cioe' piena karcerarja ta' xahar prigunerija, hija fl-umli fehma tal-appellant piena harxa wisq fic-cirkostanzi tal-kaz odjern. Il-Qorti fil-prim' istanza ma kkunsidratx fl-ghoti ta' piena karcerarja, il-fatt li l-appellant ma naqasx milli jhallas il-manteniment b'kapricc izda minhabba l-fatt li kien f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja kif diga' gie spjegat hawn aktar il-fuq. Lanaqas ma kkunsidrat il-fatt li kien hemm proceduri civili pendenti quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) mibdija mill-appellant stess sabiex jigi mehlus mill-obbligu li jhallas manteniment jew jitnaqqas l-ammont ta' manteniment minnu dovut. Minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, l-appellant jissottometti umilment, li anke jekk jigi koncess li l-Qorti fil-prim istanza kellha issib htija nonostante l-fatti partikolari tal-kaz odjern li gew lilha rilevati, il-Qorti kellha ghal-inqas tikkunsidra l-imsemmija fatti sabiex tasal ghal-piena adattat li tiehu qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u li bla dubju ma kienitx tkun wahda karcerarja.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa mizzewweg lil Iris Rina Muscat. Jidher illi hemm kaz ta′ separazzjoni ghaddej bejniethom u b′digriet numru 167/2011 mahrug mill-Qorti tal-Familja gie stabbilit manteniment dovut lil Iris Rina mill-appellant fis-somma ta′ mitejn ewro (€ 200) kull erba′ gimghat. L-appellant naqas illi jzomm l-obbligazzjoni tieghu ghax-xhur minn Jannar sa Mejju tal-elfejn u tlettax (2013) u ghalhekk Rina Iris Muscat ghamlet rapport lill-pulizija li ipprocedew kontra l-appellant.

B′sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati tat-18 ta′ Novembru 2013 l-appellant instab hati tal-imputazzjonijiet kollha maghmula kontra tieghu u l-Qorti ikkundannatu ghal gimghatejn detenzjoni.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi l-Qorti tal-Magistrati ma tat l-ebda kunsiderazzjoni ghall-fatt li fil-perjodu rilevanti l-appellant kien f′sitwazzjoni finanzjarja tant difficli illi kien impossibbli ghalih illi jaqdi l-obbligu tieghu veru martu.

Ikkunsidrat:

Effettivament l-appellant qieghed jghid illi kien fl-impossibiltà illi jaqdi l-obbligazzjonijiet tieghu versu l-parti leza u ghalhekk ma kellux ikun responsabbli ghal dan in-nuqqas.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument peress illi gie ribadit diversi drabi minn dawn il-qrati illi jekk persuna ma tkunx tista' thallas l-obbligi taghha wara digriet tal-Qorti tal-Familja, l-unika rimedju illi ghandu huwa li jadixxi lill-Qorti Civili tal-Familja sabiex issir modifikazzjoni tal-ordni tal-manteniment u ma jistax unilateralment jiddeciedi illi jwaqqaf jew inaqqas fil-manteniment kif jidhirlu hu. Fil-kawza "Il-Pulizija versus Anthony Saliba" (15/07/1998) il-Qorti qalet, "... jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment ordnat anke f'kaz li persuna tisfa bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligi taghha li twettaq id-digrieti tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali illi tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kienet li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dana jsir jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skont l-ewwel digriet." (ara ukoll "Il-Pulizija versus Alfred Camilleri", 18/9/2002 u "Il-Pulizija versus Lawrence Mifsud", 15/10/2009).

Fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant qieghed jghid illi huwa ressaq rikors quddiem il-Qorti tal-Familja biex issir modifika tal-ordni tal-manteniment. Dan id-digriet però baqa' mhux iddegretat u ghalhekk l-ordni originali ghadu vigenti u jorbot liz-zewg partijiet. Ghalhekk l-ewwel Qorti ghamlet sew meta sabet htija fil-konfront tal-appellant. Però jidher illi hemm zviluppi waqt il-mori ta' dan l-appell peress illi l-appellant rega' bdielu u hallas l-ammonti dovuti lill-parti leza. Dan gie dikjarat permezz ta' verbal tal-ghaxra (10) ta' Lulju tal-elfejn u erbatax (2014) fejn il-parti leza iddikjarat ghall-fini ta' din il-kawza m'ghandhiex aktar pretensjonijiet kontra l-appellant.

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti jidhrilha illi ghandu jkun hemm temperament fil-piena kif suggerit fil-kawza "Il-Pulizija versus Publius Said", 25 ta' Settembru 2013, "l-iskop tal-legislatur meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-

1983, kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti sabiex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena ...". U dana huwa proprju dak li se taghmel din il-Qorti f'dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' in parti l-appell, tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fejn sabet htija fil-konfront tal-appellant, izda tirriformaha ghal dak li jirrigwarda l-piena u flok gimghatejn detenzjoni, tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------